MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Citazzjoni Numru. 671/2003

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

vs

1. **Raymond u Silvana miżżewġin ABDILLA; u**
2. **Salvatore u Patricia miżżewġin ABDILLA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Lulju, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 26 t'Awissu, 1998 in atti Nutar Dottor John Patrick Hayman (Dok. "A"), is-soċjeta' attriċi kkonċediet "Overdraft Facility" lill-konvenuti Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla fis-somma ta' erbgħin elf u sebgħa u sittin liri maltin u seba' ċenteżmi (Lm40,067.07) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B23") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u ċioe' dak datat 26 t'Awissu 1998, fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman (Dok. "A") il-konvenuti Salvatore u Patricia miżżewġin Abdilla iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. d-debiti ta' l-istess Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 25 ta' Marzu 2002 u li kopja tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkati Dok. "C", u "D", sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla u lil Salvatore u Patricia miżżewġin Abdilla, jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' erbgħin elf u sebgħa u sittin liri maltin u seba' ċenteżmi (Lm40,067.07) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Raymond u Silvana miżżewġin Abdilla mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B23") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jiġu preżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet relattivi ulterjuri fuq l-imsemmi ammont b'effett mill-1 t'April, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------